**Qorti tal-Magistrati (Ghawdex)**
**Gurisdizzjoni Superjuri**
**Sezzjoni Generali**

**Magistrat Dr Joanne Vella Cuschieri B.A., Mag. Jur. (Eur. Law.) LL.D.**

**Illum it-Tlieta, 15 ta' Mejju 2018**

**Rikors tar-revoka Numru:- 20/2015JVC**

**Ganni Attard**

**vs**

**Registratur tal-Qrati Civili u Tribunali (Ghawdex)**

Il-Qorti;

Rat ir-rikors tal-attur illi ppremetta:

Illi b'sentenza moghtija minn din l-Onorabbli Qorti fis-17 ta' Ottubru, 2017 fl-ismijiet Ganni Attard vs Dr. Frank Galea (Rik. Gur. Nru. 20/2015(JVC)), ir-rikorrent gie kkundannat ihallas l-ispejjez tal-kawza;

Illi minn din is-sentenza gie ntavolat appell quddiem il-Qorti tal-Appell, liema appell ghadu ma giex appuntat;

Illi r-rikorrenti jixtieq jattakka din it-taxxa bhala rregolari u konsegwentement inattendibbli, ghar-ragunijiet segwenti:

Illi d-Dritt Avukat intaxxat permezz tat-taxxa relattiva gie ntaxxat ghall-ammont ta' hmistax-il elf, tmien mija u erbghin Euro u sitta u erbghin centezmu (€15,840.46), kif jidher fit-Taxxa Ufficjali hawn annessa bhala Dok. A, liema ammont apparentement gie mahdum fuq cifra li ma tirrizultax mill-atti tal-kawza;

Illi l-Artikolu 13 tat-Tariffa E ta' Skeda A tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili jitkellem minn valur ta' sentenza definittiva u sussegwentement l-Artikolu 14 jikkontempla dikjarazzjoni li jkun fiha decizjoni ta' xi punt ta' ligi jew ta' fatt, li jkollha x'taqsam ma' valur determinat jew determinabbli skont il-Ligi jew mill-process. Illi r-rikorrenti talab permezz tat-tielet u r-raba' talba likwidazzjoni u kundanna ghall-hlas ta' danni, liema talba izda qatt ma giet likwidata u l-ammont pretiz qatt ma gie kwantifikat;

Illi infatti minn imkien fl-atti tal-kawza ma jirrizulta li l-ammont pretiz gie kwantifikat b'xi mod gie jew b'xi mod gie determinat tant li skont is-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) Gurisdizzjoni Superjuri Sezzjoni Generali cahdet it-talbiet kollha attrici u ghalhekk fl-ebda mument ma kien hemm ezercizzju tal-kwantifikazzjoni tad-danni pretizi;

Illi di piu' jinghad illi minn ezami tal-atti kollha tal-kawza ma jirrizultax li tali danni kienu gew determinati in linea mat-talbiet kontenuti fir-rikors guramentat;

Illi fuq l-istess binarju b'referenza ghad-Dritt Registru ntaxxat skont l-istess taxxa ufficjali, bilanc dovut fl-ammont ta' erbatax-il elf, hames mija u tnejn u hamsin Euro u sittin centezmu (€14,552.60), dan l-ammont ma jirrizultax mill-atti tal-kawza u dan kuntrarjament ghal dak li jistabilixxi l-Artikolu 3 tat-Tariffa A ta' Skeda A tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili stante li l-istess Artikolu jitkellem fuq valur stabbilit jew fuq valur li jista' jigi stabbilit skont il-ligi jew mill-att innifsu;

Illi tali valur ma jirrizultax mill-att innifsu u dan kif jista' jidher minn qari tar-Rikors Guramentat u l-istess ma giex stabbilit fil-kawza. Konsegwentement, l-intaxxar tal-kawza sar b'mod erronju;

Talab lil din l-Onorabbli Qorti illi:

Ai termini tal-Artikolu 64 tal-Kap.12 tal-Ligijiet ta' Malta, jitlob bir-rispett lil din l-Onorabbli Qorti joghgobha thassar u tirrevoka t-taxxa hawn esebita bhala Dok.A mahruga mir-Registratur intimat fir-rigward tad-drittijiet u spejjez gudizzjarji relattivi ghall-kawza fl-ismijiet Ganni Attard vs Dr. Frank Galea (Rik. Gur. Nru 20/2015(JVC)) deciza mill-Onorabbli Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) Gurisdizzjoni Superjuri Sezzjoni Generali fis-17 ta' Ottubru, 2017 u konsegwentement tordna lir-Registratur intimat sabiex johrog taxxa gdida reletattiva ghall-kawza imsemmija.

Bl-ispejjez.

Rat ir-risposta tat-Tabib Veterinarju Frank Galea bhala l-persuna nteressata, konvenut fil-kawza deciza li dwarha qed tintalab ritassa u wara li gie notifikat bid-digriet ta' din il-Qorti tat-28 ta' Novembru 2017 illi eccepixxa:

Illi m'hu minnu xejn dak allegat mir-rikorrenti Ganni Attard illi mkien fl-atti tal-kawza deciza kontra r-rikorrenti f'dawn il-proceduri ma' kien qatt issemma' jew inghata xi hjiel tad-danni li kien qed jippretendi minghand l-esponenti fil-proceduri li huwa fetah kontrih permezz tar-rikors guramentat numru 20/15JVC fl-ismijiet Ganni Attard vs Tabib Veterinarju Frank Galea, illum deciza izda appellata.

Dan qed jinghad billi mal-prezentata tar-rikors promotur jew f'dawk iz-zminijiet Ganni Attard kien intavola kontra l-esponenti mandat ta' sekwestru kawtelatorju mandat numru 57/15PC fejn huwa kkwantifika d-danni li sofra minhabba l-allegat ksur ta' ligi da parti tal-esponenti u liema mandat gie milqugh u wara l-esponenti kien talab li l-istess mandat jigi mwarrab permezz tar-rikors miftuh mill-esponenti kontra l-istess Ganni Attard, rikors revoka ai termini tal-Artikolu 836 et seq tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta liema rikors instema' minn din il-Qorti kif preseduta b'din il-Qorti tiddegreta fid-decizjoni taghha billi tilqa' t-talba tal-esponenti, tirrevoka dak il-mandat ta' sekwestru bl-ispejjez kollha kontra Ganni Attard.

Fil-korp ta' din id-decizjoni li kopja taghha qed tigi hawn annessa u mmarkata Dokument B ghal riferiment izjed facli, il-Qorti semmiet in extenso fir-ragunijiet li tat qabel ma ddecidiet li tirrevoka l-mandat ta' sekwestru illi l-mandat ta' sekwestru kien wiehed irrizorju minghajr ebda prova migjuba minn Attard biex jissostanza d-danni minnu reklamati u fejn il-Qorti qalet testwalment dan li gej:

"Din il-Qorti zzid ukoll, dejjem minghajr ma' tidhol fil-mertu tal-kaz, li anke l-ammont ikkawtelat u cioe' dak ta' miljun u nofs ewro (€1,500,000) ma jirrizultax li huwa *prima facie* gustifikat anzi mill-informazzjoni moghtija lill-Qorti sal-lum dwar l-istess pretenzjoni bl-ebda mod ma tista' tifhem kif l-attur wasal ghal dak l-ammont.

Din il-Qorti ssostni li d-dritt li jintalab il-hrug ta' mandat kawtelatorju specjalment ghal dawn l-ammonti tant kbar li zgur li jgibu s-sekwestrat dahru mal-hajt mil-lat finanzjarju m'ghandux jintuza b'mod abbuziv jew legger meta wiehed jikkunsidra l-konsegwenzi serji li dan jista' jkollu fuq is-sekwestrat u din il-Qorti jidhrilha li fic-cirkostanzi odjerni t-talba ghall-hrug tal-mandat ta' sekwestru in kwistjoni sar b'mod abbuziv u legger hafna fi stadju fejn il-pretensjoni tal-attur Ganni Attard ghadhom ferm 'il boghod milli jigu kkonkretizzati wisq anqas li jsir il-kalkolu ghall-valur pretiz minnu."

Mhux hekk biss izda l-istess Ganni Attard kien sahansitra wkoll dejjem b'mod mill-aktar abbuziv u in malafede intenzjonat unikament biex jivvendika ruhu mill-esponenti biex igibu dahru mal-hajt biex jipprova jisloh flejjes minghandu meta kien jaf li mhumiex dovuti tant illi Ganni

Attard tilef kull kawza li ghamel kontra l-Gvern pero' l-izjed kontra l-esponenti, hdax jew tnax-il kawza, b'din tal-lum tkun it-tlettax-il wahda, intavola mandat ta' inibizzjoni, mandat numru 14/15 kontra l-esponenti fejn it-talba tieghu kienet illi l-esponenti jigi nibit mhux biss li jbiegh jew b'xi mod iehor jitrasferixxi proprjeta' immobbli illi taghha l-esponenti kien is-sid, izda sahansitra li talab jigi nibit ukoll milli b'xi mod jaghmel l-istess haga bis-sehem tieghu tal-wirt li kien fil-futur ser jiret meta l-valur tal-proprjeta' tieghu dakinhar tal-hrug tal-mandat waheda kienet tiswa ferm izjed mill-miljun u nofs ewro indikat mill-istess Attard fil-mandat ta' sekwestru, piu' naturalment l-istess ammont mitlub fis-sekwestru. Talbiet dawn allura, mehuda flimkien jammontaw mhux biss ghal €1.5 miljun izda ghall-izjed mid-doppju u cioe' izjed minn €3 miljun anke jekk thalli barra mix-xena l-valur ta' sehmu mill-wirt li kien ghadu jrid jircevi wara l-mewt tal-familjari tieghu. Issa jigi Attard jippretendi illi huwa qatt ma talab jew almenu ndika xi ammonti li kien qed jippretendi meta l-Qorti kellha tigi biex tqis il-likwidazzjoni tad-danni minnu pretizi. Dan il-mandat kien sar riferiment ghalih ukoll fl-istess decizjoni li tat din il-Qorti fid-29 ta' Mejju 2015 fir-rikors revoka gia' fuq imsemmi fejn din il-Qorti kienet ukoll ghamlet riferiment ghal danni li l-intimat Attard kien qed jippretendi li jigu llikwidati favur tieghu billi, ghalih, nofs il-merhla li kienet giet maqtula mid-Dipartiment tal-Gvern ikkoncernat u hu kien stmaha li tilef miljun u nofs ewro.

Forsi l-izjed kundanna cara li tat din l-istess Qorti kontra Attard u li ghadha xxejjen b'mod assolut din it-talba ghar-ritassa huwa l-ewwel paragrafu a fol 3 tad-decizjoni ta' din l-Onorabbli Qorti kif preseduta fit-talba ghar-rikors revoka Dokument B hawn annessa li jghid:

"Illi din il-Qorti ghandha quddiemha mandat ta' sekwestru illi qed jitlob li tigi kkawtelata s-somma ta' miljun u nofs ewro bil-bazi tal-pretensjoni u tkun (emfazi mizjud) 'hlas ta' danni u telf ta' profitti li qed jintalbu permezz tal-kawza fl-ismijiet premessi pprezentata kontestwalment wara l-qatla tal-merhla tan-naghag fit-3 ta' Novembru 2012.'"; u jigi jharref u jipprova jghaddi biz-zmien lil din l-Onorabbli Qorti kif ukoll lill-esponenti, dan Attard illi "....minn imkien fl-atti tal-kawza ma jirrizulta li l-ammont pretiz gie kwantifikat b'xi mod jew b'xi mod gie determinat....u ghalhekk fl-ebda mument ma kien hemm ezercizzju tal-kwantifikazzjoni tad-danni pretizi; ...". Ikompli jharref Ganni Attard fir-rikors promotur fil-proceduri tal-lum "....illi minn ezami tal-atti kollha tal-kawza ma jirrizultax li tali danni kienu gew determinati...."; u jerga' aktar 'il isfel fl-istess rikors, ghat-tielet darba jkompli jharref Attard "....dan l-ammont ma jirrizultax mill-atti tal-kawza....stante li l-istess Artikolu jitkellem fuq valur stabbilit jew fuq valur li jista' jigi stabbilit skont il-ligi jew mill-att nnifsu;...." Ghar-raba' darba jerga' jipprova Attard jiddihak bil-Qorti agir dan li ghandu jgib fuqu l-kundanna ta' din il-Qorti billi dawn il-hrejjef ghandhom jirrizultaw f'disprezz lil din il-Qorti u lill-intelligenza taghha li giet stamata b'tali mod illi donnha qeghdha tigi rredikolata u li Attard jista' jbellghalha dak li jrid meta jghid li "l-intaxxar tal-kawza saret b'mod erronju;...." Sabiex l-unika konkluzjoni li wiehed jista' jigbed minn dawn il-hrejjef ta' dikjarazzjonijiet hu illi r-Registratur tal-Qorti gie stradat hazin u ntaxxa din il-kawza b'mod erronju ghax gie dirett hekk jaghmel b'mod skorrett minn dina l-Onorabbli Qorti. Messu jisthi Ganni Attard illi wera tul il-proceduri kollha li fetah jew infethu kontra tieghu minn dakinhar li giet maqtula l-merhla tieghu izjed minn hames snin ilu sal-gurnata tal-lum dejjem insista kif ghadu sal-lum jinsisti li l-Qrati taghna dejjem

jizbaljaw fid-decizjonijiet li taw sal-lum dejjem kontrih u b'hekk donnu ghadu u ser jibqa' jinsisti illi huwa biss ighid is-sewwa u l-kumplament tad-dinja ma tafx x'qeghdha tghid.

Ghal dawn ir-ragunijiet u ghal ragunijiet ohra li l-esponenti jirrizerva li jressaq quddiem din l-Onorabbli Qorti fl-udjenza tat-12 ta' Jannar 2018 jitlob bir-rispett biex ghall-ennizima darba din l-Onorabbli Qorti tichad it-talbiet tieghu u tikkonferma t-taxxa kif mahruga.

Bl-ispejjez kontra tieghu.

Rat ir-risposta tar-Registratur tal-Qrati Civili u Tribunali (Ghawdex) illi eccepixxa:

1. Illi t-taxxa mpunjata hija gusta u ghandha tigi kkonfermata stante illi kif ir-rikorrenti stess stqarr, il-kawza kellha tigi ntaxxata fuq il-valur li seta' jigi stabilit mill-atti infushom. Illi kuntrarjament minn dak li afferma r-rikorrent Attard, fir-rikors guramentat promotur, ir-rikorrent talab ukoll "Bl-ispejjez, inkluz tal-ittra ufficjali numru 382/2014; tal-mandat ta' inibizzjoni numru .../2015 u tal-mandat ta' sekwestru numru .../2015 prezentati kontestwalment u bis-subizzjoni kontra l-istess konvenut li minn issa ghaliha huwa ingunt." Illi fir-rikors ta' revoka tal-istess mandat ta' sekwestru kawtelatorju li pprezenta l-intimat Dr Frank Galea fl-atti tal-kawza stess fis-6 ta' Mejju 2015 hemm imsemmi specifikament fl-ewwel paragrafu l-ammont pretiz mill-attur Ganni Attard fis-sekwestru kawtelatorju tieghu u cioe' €1,521,805.50c, liema ammont gie

kkonfermat mill-istess rikorrent Ganni Attard fir-risposta tieghu ghar-rikors ta' revoka. Illi anke d-digriet ta' dina l-Onorabbli Qorti ghar-revoka tal-imsemmi mandat ta' sekwestru kawtelatorju jaghmel referenza specifika ghall-ammont pretiz mir-rikorrenti Attard u kawtelat ta' miljun u nofs ewro (€1,500,000).

2. Illi kif inhi l-prassi konsolidata in materja ta' ntaxxar, l-esponenti ntaxxa fuq il-*quod disputandum est*, il-beneficcju li setghet irrekat il-kawza lill-attur, liema beneficcju m'hu xejn ghajr l-ammont pretiz mill-istess attur, ir-rikorrenti odjern u cioe' id-danni ta' €1.5m illi r-rikorrenti Attard qed jippretendi minghand l-intimat Dr Frank Galea.

3. Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

Rat illi fil-verbal tat-23 ta' Marzu, 2018 il-kawza thalliet ghad-decizjoni ghal-lum wara li d-difensuri tal-partijiet ghamlu s-sottomissjonijiet orali taghhom.

Rat l-atti kollha tar-rikors u tal-kawza 20/2015;

Illi mill-atti tal-kawza 20/2015 tirrizulta d-decizjoni segwenti:

'Ghaldaqstant ghar-ragunijiet kollha suesposti din il-Qorti tghaddi sabiex taqta' u tiddeciedi din il-kawza kif isegwi:

1. Tilqa′ l-ewwel eccezzjoni tal-konvenut limitatament b′referenza ghall-pretensjonijiet tal-attur diretti kontra l-konvenut fl-ambitu tal-Kapitolu 439 tal-Ligijiet ta′ Malta dwar il-Harsien Xieraq ta′ l-Annimali filwaqt li tirrespingiha fil-bqija;

2. Tilqa′ t-tieni u t-tielet eccezzjoni tal-konvenut u konsegwentement tghaddi sabiex tichad it-talbiet kollha attrici stante li l-attur jista′ biss ilum lilu nnifsu w′hadd aktar ghad-danni allegatament sofferti minnu u dan in vista tan-nuqqasijiet gravi da parti tieghu li jimminaw it-talbiet attrici *ab inizio.*

In vista ta′ dak suespost ma tqisx li ghandha ghalfejn tinoltra ruhha oltre fil-mertu tar-raba′ u l-hames eccezzjonijiet imqajma mill-konvenut.

Bl-ispejjez kollha kontra l-attur.′

Dan wara li fl-istess kawza kienu saru t-talbiet segwenti:

1. ‘Tiddikjara illi l-konvenut naqas milli josserva l-Ligi u naqas fl-obbligi tieghu illi jaghmel dak kollu necessarju sabiex meta sar jaf bil-merhla tal-attur jirregistra l-istess merhla;

2. Tiddikjara illi l-konvenut bl-azzjonijiet tieghu u/jew bin-nuqqas ta′ agir tieghu kkawza l-qatla tal-merhla ta′ l-attur u dan a dannu ta′ l-istess attur;

3. Tillikwida l-ammont ta' danni, danni morali, u telf ta' qliegh naxxenti minn tali nuqqas u dan anke permezz tal-hatra ta' perit/i nominandi;

4. Tikkundanna lill-istess konvenut sabiex ihallas l-ammont ta' danni, danni morali u telf ta qliegh hekk kif likwidati fi zmien qasir u perentorju;

Bl-ispejjez, inkluz tal-Ittra Ufficcjali Numru 382/2014; tal-Mandat ta' Inibizzjoni Numru /2015 u tal-Mandat ta' Sekwestru Numru /2015 prezentati kontestwalment u bis-subbizzjoni kontra l-istess konvenut li minn issa ghaliha huwa ngunt.'

Rat mid-dokument a fol. 880 tal-process 20/2015 illi l-ammont ta' likwidazzjoni ta' danni ai fini ta' taxxa ttiehed minn risposta tal-istess attur fl-atti a fol. 62 tal-istess process fejn jinghad kif isegwi:

'B'hekk allura b'semplici multiplikazzjoni tas-snin imcahhda lill-esponenti bit-total tan-naghag u bil-produzzjoni medja ta' kull naghga, l-ammont ta' miljun, hames mija u wiehed u ghoxrin elf, tmien mija u hames Euro u hamsin centezmu (€1,521,805.50) huwa relattivament baxx u ma jkoprix l-ammont kollu li ghandu jigi likwidat permezz tal-kawza odjerna.'

Tinnota li ghalkemm huwa minnu li l-Qorti finalment ma laqghetx it-talbiet tal-attur, li kieku l-kawza giet deciza mod iehor u l-Qorti kellha tghaddi sabiex tillikwida d-danni s-soffert mill-attur, l-istess Qorti kellha ddur bilfors fuq dan id-dokument u dokumenti ohra fl-atti tal-mandat fejn tissemma' l-likwidazzjoni tad-danni stante li fis-sottomissjonijiet finali

tieghu l-attur ma ghamel l-ebda kalkolu iehor tant li lanqas ittenta jaghmel likwidazzjoni ta' danni differenti minn dik esposta fl-atti tal-mandat ta' sekwestru kif ukoll fl-istess process kif huwa evidenti minn dak espost minnu stess a fol. 62 tal-process.

Illi kien x'kien l-ezitu tar-rikors sabiex jigi revokat il-mandat ta' sekwestru liema proceduri jkunu dejjem decizi fuq bazi *prima facie* u setghu facilment jigu decizi mod iehor, jibqa' l-fatt li sal-ahhar tal-kawza l-attur baqa' dejjem jippretendi s-somma ndikata a fol. 62 tal-process u qatt ma rtira tali pretensjoni fl-atti.

Illi hekk kif gie ritenut fis-sentenza fl-ismijiet **Avukat Dottor Carmelo Galea vs Silvio Zammit et[1]:**

*"B'introduzzjoni ghat-tieni motiv ta' aggravju jibda biex jinghad b'ripetizzjoni in bazi ghall-gurisprudenza affermata illi "t-tassazzjoni ta' kawza ghandha tigi regolata mit-talba kontenuta fl-att tac-citazzjoni, mhux fis-sens limitat ghas-semplici nkartament, izda fis-sens ta' l-oggett taghha; u f'dan is-sens il-kumpless ta' dak li huwa in kontestazzjoni, jew dak li huwa in disputa (quod disputatum est) jista' jigi ragonevolment indott jew determinat minn dak li jkun jirrizulta waqt id-dibattitu u t-trattazzjoni ta' l-istess kawza, imma mhux minn dak li lilha jkun irid jigi attribwit, indipendentement mill-fatt jekk it-talbiet li jigu proposti jkunux akkolti jew michuda" ("**Avv. Dr. Giuseppe Pace et -vs- Avv. Dr. Giuseppe Vella nomine et**", Prim' Awla, Qorti Civili, 1 ta' Ottubru, 1948). Ugwalment, gie ritenut illi "meta l-massa litiguza jkun jidher x'kien il-valur in kontestazzjoni, it-tassazzjoni ghandha tigi regolata fuqu; jigifieri ghandu jigi*

[1] Appell Civili 4/2008PS deciz fil-15 ta' Lulju, 2009

*studjat u ezaminat x'ikun l-oggett tat-talba; u allura t-tassazzjoni ssir ad valorem " Prim' Awla, Qorti Civili, 9 ta' Frar, 1951). Dejjem fl-istess sens id-decizjoni fl-ismijiet "**Leslie Grech nomine -vs- Frank Abela et**", Prim' Awla, Qorti Civili, 25 ta' Jannar, 2002 u "**Loris Bianchi et -vs- Dottor Victor Borg Costanzi nomine**", Appell Civili, 17 ta' April, 1978;"*

Illi fis-sentenza fl-ismijiet **Adelaide Ellul et vs Direttur Generali tal-Qorti et**[2] gie ritenut li *"f'dan is-sens hija relevanti s-sentenza fl-ismijiet **"Salvino Ellul Bonnici vs Dr. Edgar Buhagiar et"** (A.C.– 7 ta' Ottubru 1960) fejn inghad li l-valur tal-kawza tant ghall-finijiet ta' kompetenza kemm ghall-finijiet ta' tassazzjoni, jitqies fuq id-domanda, u mhux fuq l-interess effettiv, jew interess pekunarju jew patrimonjali li l-attur jista' jkollu fl-ezitu tal-kawza, ghaliex hawn qed issir riferenza biss ghal dak li huwa l-interess guridiku, li huwa ben differenti mit-talbiet attwalment imposti. Dan huwa iktar relevanti f'dak li gie ritenut fil-kawza fl-ismijiet **"Albert Bezzina Wettinger vs r-Registratur tal-Qorti et"** (P.A. (JRM) – 5 ta' Gunju 2003) li kawza tigi intaxxata ad valorem meta jkollha x'taqsam ma' valur determinat jew determinabbli skont il-ligi jew mill-process, tant li inghad li 'fil-fehma tal-Qorti, dan ifisser li l-valorizzazzjoni tal-azzjoni tista' ssir mhux biss mill-att promotur, imma wkoll minn kull taghrif jew prova li tinsab fl-atti". F'dan is-sens ukoll hija s-sentenza **"Carmelo Axiak vs Dr. Giuseppe Vella nomine et"** (Vol. XXXV.ii.361)".*

Bl-applikazzjoni tal-principji delineati ghall-kaz in dizamina jirrizulta li t-talba tar-rikorrenti fir-rikors promotur kienet sabiex la darba din il-Qorti tilqa' l-ewwel u t-tieni talbiet attrici allura tghaddi sabiex tillikwida l-ammont ta' danni, danni morali u telf ta' qliegh rizultanti min-nuqqasijiet

[2] Cit Nru 1027/2006RCP deciza fis-26 ta' Marzu, 2009. Gie interpost appell minn din is-sentenza liema appell ghadu *sub judice*

allegati tal-konvenut. Fi kliem l-istess attur a fol. 62 tal-process li kieku l-Qorti waslet sal-istadju li tillikwida d-danni sofferti mill-attur u cioe' li kieku ma cahditx l-ewwel u t-tieni talbiet attrici, l-ammont ta' miljun, hames mija u wiehed u ghoxrin elf, tmien mija u hames Euro u hamsin centezmu (€1,521,805.50) **kien ammont 'relattivament baxx' u din il-Qorti kellha tillikwida sahansitra ammont akbar minn hekk.**

Jirrizulta ghalhekk lil din il-Qorti li apparti l-ewwel zewg talbiet dikjaratorji dwar ir-responsabbilta tal-konvenut, il-*litis contestatio* bejn il-partijiet kienet certament l-ammont ta' danni pretizi sabiex jigu likwidati liema ammont kien car daqs il-kristall lill-partijiet kollha u l-Qorti sa mill-bidu tal-kawza u cioe' li l-attur kien qed jippretendi xejn anqas minn miljun u nofs euro (€1,500,000) anzi skont kliemu a fol. 62 tal-process kien qed jippretendi aktar minn hekk. Huwa car li l-oggett tat-tielet talba tal-attur kien dan l-ammont pretiz jekk mhux aktar u ghalhekk indipendentement mill-fatt jekk it-talbiet tal-attur gewx akkolti jew le, jirrizulta li l-valur huwa facilment determinabbli mill-process u ai termini ta' gurisprudenza dan huwa bizzejjed sabiex ir-registratur intimat jghaddi sabiex jahdem it-taxxa fuq l-istess valur.

In oltre l-Qorti tqis li d-drittijiet u spejjez gudizzjarji kellhom bilfors jigu ntaxxati fuq il-valur pretiz mill-attur ai termini tat-tielet talba tieghu kif indikat fl-atti u dan stante li ma jirrizulta l-ebda valur iehor fl-atti wisq anqas giet irtirata l-pretensjoni fuq is-somma ndikata a fol. 62 tal-process mill-attur. L-ammont ta' miljun hames mija u wiehed u ghoxrin elf, tmien mija u hames Euro u hamsin centezmu (€1,521,805.50) jirraprezenta l-

minimu tal-valur li realistikament l-attur deher car li kien qed jippretendi li kieku l-kawza giet deciza favur tieghu.

Illi ghaldaqstant it-taxxa tal-ispejjez u drittijiet gudizzjarji mahruga mir-registratur intimat fil-kawza fl-ismijiet **Ganni Attard vs. Dr. Frank Galea (Rik Gur Nru 20/2015)** saret korrettement u skont il-ligi rrilevantement minn dak li gie dikjarat mill-konvenut Galea fl-ahhar verbal fir-rigward tat-taxxa oltre s-somma ta' miljun u nofs Euro (€1,500,000).

**Decizjoni**

Ghaldaqstant u ghar-ragunijiet fuq imsemmija, din il-qorti taqta' u tiddeciedi billi tichad it-talbiet tar-rikorrent.

Spejjez a karigu ta' l-istess rikorrent.

(ft.) Dr. Joanne Vella Cuschieri
Magistrat

(ft.) Dorianne Cordina
D/Registratur

Vera kopja

D/Registratur